# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 10 TA' MEJJU 2002

**Avviz Nru 855/00DM**

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Anthony Fiteni Terribile abazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Anthony Fiteni Terribile**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma ta' tmien mija u sitt lira Maltin u sitt centezmi (Lm806.06) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata mill-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, li minnhom Lm656.06 huma pagabbli lis-socjeta attrici Middle Sea Insurance plc u filwaqt illi LM150 huma pagabbli lill-attur l-iehor Fiteni Terribile bhala excess,

rappresentanti d-danni sofferti mill-atturi bhala rizultat tal-kollizzjoni illi sehh fil-21 ta' Dicembru 1997 f' Ta' Xbiex bejn il-vetturi bin-numru JOE 696 u EAG 759, stante illi il-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni stante illi l-imsemmi incident sehh bhala rizultat tat-traskuraggini, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghall-Lm10, tal- ittra legali tal-14 ta' Settembru 1999, tal-ittra ufficjali presentata, fl-4 ta' Novembru 1998 u tal-mandat ta' sekwestru ppresentat fis-7 ta' Dicembru 1997 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Camilleri fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi
2 Il-konvenut mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza
3 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-6 ta' Frar 2002 fejn il-konvenut kif assistit jiddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilita.

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat

Illi l-provi dwar ir-responsabbilta' jikkonsistu eskluzivament fid-deposizzjonijiet tas-sewwieqa involuti.

Robert Fiteni, is-sewwieq tal-vettura tal-attur Anthony Fiteni Terribile, jsosstni illi huwa kien qieghed jipprocedi fit-triq principali qed isuq regolarment fuq in-naha tax-xellug tat-triq meta l-konvenut gie minn warajh, qalghu minn fuq in-naha tax-xellug tieghu u kiser minn quddiemhu biex jaqsam ghal fuq il-lemin tat-triq.

Evidentement manuvra bhal din ta' l-konvenut definitivament twassal ghal responsabbilta' tieghu, anzi tista tkun indikattiva ta' hsara volontarja stante l-prevedibilita' ta kollizzjoni bhala rizultat ta tali manuvra.

Min-naha tieghu l-konvenut jallega illi, waqt li huwa kien qieghed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq, gie minn warajh Robert Fiteni u, billi huwa kien intenzjonat li jmur fuq in-naha l-ohra tat-triq,

kien digia' beda jghamel il-manuvra izda minhabba l-ispeed qawwi ta' Robert Fiteni dan ma setghax jzomm warajh u jevitah.

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet l-unika wahda attendibbli hija dik tal-konvenut Joseph Camilleri billi hija aktar indikattiva ta dak li normalment jakkadi fis-sewqan ta' kuljum u anke hija iktar konformi mac-cirkostanzi w indizji li jirrizultaw mill-isketch esibit.

Ghalhekk, billi jirrizulta anke mill-verzjoni moghtija mill-konvenut stess illi kien effettivament il-konvenut illi ddecieda li jibdel id-direzzjoni li huwa kien mixi fiha, jrid jigi ezaminat jekk il-konvenut, qabel ma beda l-manuvra ta' tbidil fid-direzzjoni, kienx ha l-prekawzjonijiet mehtiega biex ma jostakolax it-traffiku l-iehor li setgha kien qed juza t-triq; dan jinkludi ukoll dak it-traffiku li kien provenjenti minn wara il-konvenut.

Il-konvenut jiddikjara illi qabel ma beda l-manuvra tieghu huwa xeghel l-indikator u hares mill-mera kif appena beda jikser fuq il-lemin.

Evidentement li wiehed jindika varjazzjoni fid-direzzjoni tieghu permezz tal-indikators m'hix waheda prekawzjoni sufficjenti. Kull sewwieq, qabel ma jghamel kwalunkwe manuvra li tista tostakola t-traffiku, huwa obbligat li jesplora sew it-triq biex ma jkunx ta' ostakolu ghat-traffiku illi jista' jkun qieghed jghamel uzu mill-istess triq.

Ghalhekk il-konvenut kien obbligat illi jhares ukoll almenu mill-mera biex jesplora t-triq warajh, oltre l-karreggjati l-ohra. Dan

kellhu jghamlu mhux meta beda jghamel il-manuvra u jikser lejn il-lemin, izda qabel ma kien ghadu ma ghamel ebda parti mill-manuvra intiza.

Il-konvenut izda jammetti li beda jibdel id-direzzjoni qabel ma accerta ruhhu li ma kienx ser ifixkel lill-hadd li kien qed isuq warajh. Ghalhekk dan in-nuqqas tal-konvenut li jesplora sew it-triq jwasal ghal kontributorjeta' tieghu fir-responsabbilta ghall-incident.

Min-naha l-ohra s-sewwieq Robert Fiteni ghandu l-maggor parti tar-responsabbilta' billi qabel ma wiehed jghaddi ghal manuvra ta' sorpass ghandhu wkoll l-obbligu illi joqghod attent ghal dak kollu li jkun qieghed jsir fit-triq quddiemu.  Jirrizulta anzi illi huwa ma kien attent xejn tant illi allega li l-konvenut issorpassa lilhu minn fuq ix-xellug u dan jimporta manuvra kwazi mpossibbli billi timporta velocita' ikbar minn tieghu da parti tal-konvenut u sorpass inutili (billi ried imur fuq il-lemin kif ghamel) minn fuq ix-xellug fejn Fiteni jallega li kien qed isuq huwa stess.

Fiteni kien mistenni illi jinnota l-manuvra li beda jghamel il-konvenut quddiemhu billi jirrizulta li din ma kienetx xi wahda bruska  u anke ma setghax jinjora s-sinjal tal-kambjament moghti permezz tal-indikators fuq il-vettura tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ghalhekk issib illi kienu z-zewg sewwieqa responsabbli ghal-kollizzjoni in kwistjoni u qegheda taqsam ir-responsabbilta' in quantu ghal terz (1/3) ghall-konvenut u zewg terzi (2/3) ghal Robert Fiteni.

Dwar il-quantum tad-danni l-konvenut jiddikjara li m'ghandux kontestazzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-atturi f'dan l-incident fis-somma mitluba ta' Lm806.06 (tmien mija u sitt liri Maltin u sitt centezmi) u qieghdha tikkundanna ghalhekk lill-konvenut sabiex, ghar-ragunijiet premessi fl-avviz, jhallas lill-atturi in solidum bejnithom terz (1/3) ta' din is-somma ekwivalenti ghas-somma ta' Lm268.69 (mitejn u tmienja u sittin lira Maltin u disa' u sittin centezmi), bl-imghax legali b'effett mill-lum.

Bl-ispejjez ghandhom jigu sopportati in quantu ghal zewg terzi (2/3) mill-atturi u terz (1/3) mill-konvenut.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia

Dep.Reg. Civil 35